

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Ottubru 2010

li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Banca d'Italia

(2010/623/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni BĊE/2010/11 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-23 ta' Awwissu 2010 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Banca d'Italia ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema għandhom jiġu vverifikati minn awdituri esterni indipendenti li jkunu ġew rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni attwali tal-Banca d'Italia ntemm wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2009. Għalhekk jeħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2010.
- (3) Il-Banca d'Italia għażlet lil PricewaterhouseCoopers SpA bħala l-awdituri esterni tagħha għas-snin finanzjarji 2010 sa 2015.
- (4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rakkomanda li PricewaterhouseCoopers SpA għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tal-Banca d'Italia għas-snin finanzjarji mill-2010 sal-2015.

- (5) Huwa adatt li r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE tiġi segwita u li d-Deċiżjoni 1999/70/KE ⁽²⁾ tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni 1999/70/KE huwa sostitwit b'dan li ġej:

“6. PricewaterhouseCoopers SpA huma b'dan approvati bħala l-awdituri esterni tal-Banca d'Italia għas-snin finanzjarji 2010 sal-2015.”

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tan-notifika tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-11 ta' Ottubru 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

V. VAN QUICKENBORNE

⁽¹⁾ ĠU C 233, 28.8.2010, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69.